**19 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Salvatore Bezzina għas-soċjetà Salv. Bezzina & Sons Limited

*versus*

Direttur tal-Portijiet

**Drittijiet tal-Port - *Port Dues* - Bastiment - Definizzjoni ta' - Liġijiet Fiskali - *Revenue Laws* - Interpretazzjoni ta'**

*L-attur aġixxa b'suċċess sabiex jimpunja titolu esekuttiv ikkreat b'ittra uffiċjali għal allegatament* port dues *u sabiex jimpunja esekuzzjoni ta' qbid a bażi ta' l-ittra uffiċjali.*

*Il-konvenut kien qed jippretendi* port dues. *Il-Qorti interpretat it-tifsira tat-terminu bastiment. Irriteniet illi f'każ ta' liġijiet ta' ġbir ta'* revenues *jew* dues, *għandha tingħata interpretazzjoni eżattament kif inhi mitluba u b'mod restrittiv u sabet favur l-interpretazzjoni avvanzata mill-attur.*

Il-Qorti:-

L-attur f'din il-kawża qed jallega li l-konvenut ottjena l-ħruġ minn din il-Qorti tal-mandat numru 630/72 kontra l-attur *nomine* skond l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15) għas-somma ta' Lm2938.47,4. Lm2936 għad-drittijiet tal-port skond prospett anness ma' l-ittra uffiċjal ta' l-24 ta' Ġunju, 1972, u kwantu għal Lm2.47,4, drittijiet u spejjeż ġudizzjarji li in esekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat ġew elevati mingħand l-attur *nomine* t-tanker "Waddan" ta' 300 tunnellata u t-*tugboat* "Exhorter";

Li l-ammont pretiż mill-konvenut mhux dovut mill-attur *nomine* għal diversi raġunijiet fosthom li l-bastimenti in kwistjoni mhumiex soġġetti għall-ħlas ta' *port dues*, u mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel raġuni, parti kbira minn dan l-ammont tinsab preskritta; li għaddew aktar minn sentejn u anke għaliex ġiet irrinunzjata mill-konvenut;

Għalhekk, l-attur qed jistitwixxi din il-kawża biex jottjeni dikjarazzjoni li l-pretensjoni tal-konvenut, kif kienet diretta

kontra tiegħu, ma kinitx korretta u biex, jekk il-konvenut jipproċedi għall-bejgħ ta' l-imsemmija oġġetti, elevati bil-mandat fuq imsemmi, il-konvenut ikun responsabbli għad-danni li jista' jsofri l-attur *nomine*;

Min-naħa tiegħu l-konvenut eċċepixxa li t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li l-*port dues* li qed jesiġi l-konvenut huma dovuti skond il-*Port Dues Ordinance* (Kap. 160 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-ħlas qatt ma ġie rrinunzjat mill-konvenut;

Skond l-attur, Salvatore Bezzina, is-soċjetà attriċi kienet ġabet erba' vapuri b'kollox. Il-"Waddan" u l-"Exhorter", kienet ġabithom hawn Malta f'Jannar, 1964, u dan bl-irmonk. Waqt li ta' l-ewwel kellu l-magna bil-ħsara u għalhekk bilfors kellu jiġi rmonkat, it-tieni ma kellu ebda magna fuqu xejn. Fl-okkażjoni l-oħra, u ċjoè f'Lulju, 1968, l-attur ġab żewġ vapuri oħra u dawn kien l-"Abercraig" u "Scotscraig". Dawn kienu ġew mill-bogħod u billi ma kinux tajbin biex jgħaddu mill-Oċeani ġabhom bl-irmonk;

Fl-ewwel okkażjoni, l-attur kien mar ikellem lil Victor Pace, impjegat id-Dwana, u staqsih kellux iħallas tal-vapuri u dan kien qallu li billi kienu daħlu bl-irmonk ma kellu xjen xi jħallas u għamillu karta *duty free*. Fit-tieni okkażjoni, billi dawn kienu daħlu ukoll bl-irmonk, ma qagħadx imur ikellem lil Pace fuqhom u mar hu stess jagħmel il-karta *duty free*. Bezzina qal ukoll li Pace kien qallu li ma kellux iħallas *port dues* għaliex kienu *duty free* għar-raġunijiet fuq imsemmija. Billi ma kellux ċertifikat ta' *sea worthiness* hu ma setax jirreġistrahom hawn Malta. Skond l-istess xhur, l-ewwel darba li kienu talbuh iħallas *port dues* kien fl-1970;

Mill-provi prodotti jidher li ma hemmx kwistjoni bejn il-

partijiet dwar il-fatt li l-erba' vapuri kienu daħlu Malta bl-irmonk. Dan jirriżulta ben ċar mix-xhieda ta' Pace u Henry Camilleri. Apparti d-dħul tiegħu *on tow*, il-vapur Waddan, li kien daħal Malta fid-9 ta' Jannar, 1964, reġa' ħareġ minn Malta *on tow*. Jidher għalhekk, li assolutament m'hemmx kwistjoni li dan ċertament ma kienx "qed jitmexxa b'magna" (*vide* fol. 32, xhieda H. Camilleri);

Minn eżami tad-dokumenti esebiti mill-partijiet fil-proċess u ċjoè kopja ta' ittra uffiċjali tas-27 ta' Mejju, 1971, fol. 81 u dik ta' l-24 ta' Ġunju, 1972, jidher li d-Direttur tal-Portijiet kien interpella lill-attur darbtejn biex dan iħallas tal-*port dues* li d-Direttur kien qiegħed jippretendi li għandu jieħu mingħandu. Skond l-ewwel ittra uffiċjali u ċjoè dik tas-27 ta' Mejju, 1971, id-Direttur tal-Portijiet kien qiegħed javvanza l-pretensjoni segwenti kontra l-attur, u ċjoè:

A rigward il-bastiment Abercraig għaż-żmien mis-26 ta' Mejju, 1969 sal-25 ta' Ottubru, 1970, ċjoè 37 perijodu biss - Lm6 = Lm222;

A rigward tal-bastiment Scotscraig għaż-żmien mis-16 ta' Mejju, 1969 sal-25 ta' Ottubru, 1970, ċjoè 37 perijodu bis-Lm6 = Lm222;

A rigward tal-bastiment Waddan għaż-żmien mis-26 ta' Mejju, 1969 sas-6 ta' Ġunju, 1971, ċjoè 53 perijodu bis-Lm6 = Lm318;

A rigward tal-bastiment Exhorter għaż-żmien mis-26 ta' Mejju, 1969 sas-7 ta' Ġunju, 1971, ċjoè 53 perijodu bis-Lm6 = Lm318;

Total: Lm1080;

Skond it-tieni ittra uffiċjali ta' l-24 ta' Ġunju, 1972, l-istess Direttur tal-Portijiet kien qed javvanza din il-pretenzjoni kontra l-attur:

"Abercraig" a rigward il-perijodu 17.7.68 sal-25.10.70 - Lm317;

"Scotscraig" a rigward il-perijodu 17.7.68 sal-25.10.70 - Lm317;

"Exhorter" a rigward il-perijodu 9.1.64 sal-3.5.72 - Lm1259;

"Waddan" a rigward il-perijodu 9.1.64 sal-14.12.70 - Lm1043;

Total: Lm2936;

Minn eżami kkomparat taż-żewġ dokumenti jirriżulta li fiż-żewġ każi s-somma globali mitluba ma taqbilx ma' l-oħra, u dan minħabba kemm għad-differenzi li hemm fil-kalkoli tal-perijodi kif ukoll tar-rati mitluba. Għall-finijiet ta' din il-kawża, dawn l-ittri uffiċjali u l-kontenut tagħhom għandhom pertinenza biss għall-fini ta' eżami tal-preskrizzjoni da parti tal-pretensjoni tal-konvenut u kif allegata mill-attur *nomine*;

Fi ftit kliem, il-kompitu ta' din il-Qorti f'din il-kawża huwa: l-ewwel biex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok kien hemm *port dues* dovuti mill-attur *nomine* lill-konvenut, fis-sens jekk il-vapuri in kwistjoni jaqgħu taħt id-dispost ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 160 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk fl-affermattiv jekk dawn id-drittijiet tal-port ġewx preskritti jew le u dan *ai termini* ta' l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili ċċitat mill-attur;

L-artikolu 2 tal-Kap. 160 preċitat isemmi li "f'din l-Ordinanza, il-kelmiet li ġejjin ifissru rispettivament, kif sejjer jingħad hawn:

"bastiment bl-istim" ifisser kull bastiment li jitmexxa b'makna;

"bastiment tal-qlugħ" ifisser bastiment li l-forza li tmexxieh hija biss tal-qlugħ tiegħu;

"bastiment awżiljarju" jfisser bastiment li fuq kollox jiddependi fuq il-qlugħ tiegħu għall-forza li tmexxieh, iżda għandu ukoll forza mekkanika awżiljarja;

Bħala fatt jirriżulta li, mill-4 vapuri li ġab l-attur *nomine* f'Malta, wieħed minnhom ċertament anqas biss kellu magna ġewwa fih. Rigward it-tlieta l-oħra, dawn kellhom il-magni ma jaħdmux u ma kinux fi stat tajjeb u għalhekk kellhom jidħlu Malta bl-irmonk l-erba' li kienu (*vide* xhieda H. Camilleri);

Il-kwistjoni bejn il-partijiet dwar dan il-punt hu, li waqt li l-konvenut isostni li l-vapuri *de quo* jaqgħu taħt l-artikolu 2, fis-sens li għandhom jiġu kkunsidrati bħala bastimenti li jitmexxew b'makna, l-attur *nomine* jsostni li mhux il-każ, għaliex waħda, l-erba' kemm huma daħlu l-port ta' Malta rmonkati, it-tieni li wieħed minnhom stess lanqas biss kellu makna fuqu; it-tielet li d-dipartiment stess kien jinterpreta dan l-inċiż ta' l-artikolu 2 fis-sens li vapuri bħal ta' l-attur ma kinux jaqgħu taħt dan l-artikolu fil-perijodu in kwistjoni. Hu mportanti ukoll li wieħed jikkunsidra u jagħti importanza ta' din l-interpretazzjoni fil-perijodu ta' meta kienu daħlu l-vapuri in kwistjoni fil-Port;

Barra minn dan, wieħed irid jikkunsidra li hu prinċipju stabbilit li liġijiet ta' ġbir ta' *revenues* jew *dues* għandha tiġi

interpretata eżattament kif inhi mitluba u b'mod restrittiv. Infatti, l-artikolu 2 jgħid li f'din l-Ordinanza l-kelmiet li ġejjin ifissru rispettivament kif sejjer jingħad hawn. Fil-versjoni Ingliża l-istess artikolu 2 jinqara hekk: "*In this Ordinance the following expressions have the meanings hereby respectively assigned to them, that is to say, "steams vessel" means any vessel propelled by machinery*". Dan ifisser li biex jaqa' taħt din id-definizzjoni, vapur irid ikun bilfors immexxi bil-makna tiegħu. Ħaġa li, fil-każ in eżami, hija ineżistenti għar-rigward ta' l-erba' vapuri. Biex jaqa' taħt id-dispost ta' dan l-artikolu vapur irid ikun bil-makna u mmexxi minnha;

Fis-snin 1964 - 1969, u ċjoè fil-perijodu meta daħlu l-vapuri ta' l-attur *nomine*, d-Dipartiment tal-Portijiet stess kien jagħti din l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu. Dan jirriżulta, per eżempju, minn xhieda ta' l-attur li fl-ewwel okkażjoni li kien ġab l-"Exhorter" u l-"Waddan" kien mar id-Dwana, staqsa x'għandu jħallas lil Victor Pace, li kien *Chief Inspector* mad-Dwana u Portijiet. Dan qalu fix-xhieda tiegħu tat-3 ta' Ottubru, 1980 (fol. 65): "Jiena ma niftakarx jekk il-vapuri in kwistjoni kinux daħlu *self propelled* jew *under their own steam*; però naf żgur li jekk daħlu b'dan il-mod (hawn qed jirreferi għal każ in eżami), huma eżenti mit-taxxa. Barra minn hekk, l-istess xhud qal "billi kif ġà għidt fid-deposizzjoni tiegħi tat-23 ta' Frar, 1979, jiena kont fis-*section* inkarigata mill-ħlas tal-*port dues*, naf b'ċertezza li qatt ma tlabna *port dues* għall-vapuri li kienu rreġistrati Malta. Jiena kont f'din is-*section* tad-Dwana għal madar tmien snin";

Ix-xhud Tancred Aquilina kien impjegat fid-Dipartiment tad-Dwana u Port sa l-1970 bħala *Chief Customs Officer* fl-uffiċċju tad-Sur Victor Pace. Dan xehed hekk dwar il-każ: "Bastiment li ma kienx ikun *self propelled* bħal barkun ma kienx iħallas *port dues*" (fol. 46). L-istess qal Harry Bellizzi li fl-1964 kien *Administrative Office in charge* tal-*Long Room* tad-Dwana.

Dan qal li: "ma niftakarx il-kwistjoni partikolari kif kienet ġiet deċiża, però, kieku l-attur staqsieni, kont ngħidlu kif diġà għidt, jiġifieri li jekk vapur ikun reġistrat Malta jew ma jkunx *self propelled*, ma jħallasx *port dues*". Qal ukoll li fl-idea tiegħu, bastimenti li jiġu bla makni ma jħallsux *port dues*. Wieħed jippresupponi li bastiment jew vapur jiġi mibni jew biex jitmexxa b'makna jew bi qlugħ jew kemm b'makna u bil-qlugħ, u kwindi għalhekk jidher li l-artikolu 2 qiegħed jikkunsidra biss riferibbilment għall-bastimenti li qegħdin jitmexxew bil-makna jew qlugħ u qiegħed għalhekk jeskludi dawk li jew m'għandhomx makna jew li din mhix fl-istat li tmexxihom. Dan joħroġ ċar anke jekk wieħed jikkunsidra l-kliem eżatt ta' l-ewwel parti ta' l-artikolu 2 li huma: "*the following expressions have the meaning hereby respectively assigned to them*". Minn dawn il-kliem jidher li l-leġislatur ried ikun skjett u jillumi s-sinifikat tal-bastimenti li għandhom iħallsu l-*port dues* proprju għal dak is-sens hekk limitata li hemm fl-artikolu *de quo*. Għalhekk jidher li l-pretensjoni ta' l-attur hija ġustifikata. Stante dan, il-Qorti mhix sejra tidħol fil-konsiderazzjonijiet l-oħra ta' preskrizzjoni u ta' rinunzja ssollevati mill-attur;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u għalhekk tiddikjara li l-pretensjonijiet tal-konvenut kontra l-attur *nomine*, kif avvanzati u msemmija fil-mandat ta' qbid imsemmi fiċ-ċitazzjoni, mhix korretta, peress li l-konvenut m'għandux jieħu l-imsemmi ammont, u billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li l-attur kien għamel il-garanzija bankarja a favur tal-konvenut tal-portijiet fis-somma ta' Lm3000 biex jillibera l-bastimenti maqbuda bil-mandat;

Bl-ispejjeż.